

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1184**tat-3 ta' Lulju 2019****dwar il-proposta għal inizzjattiva taċ-ċittadini bl-isem "Inkabbru l-progress xjentifiku: l-għelejjel huma importanti!"***(notifikata bid-dokument C(2019) 4975)***(It-test Ingliż biss huwa awtentiku)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 211/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar l-inizzjattiva taċ-ċittadini ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

- (1) Is-suġġett tal-proposta għal inizzjattiva taċ-ċittadini bl-isem "Inkabbru l-progress xjentifiku: l-għelejjel huma importanti!" jirreferi għal dan: "Id-Direttiva 2001/18/KE hija antikwata. Aħna bħala studenti tax-Xjenzi tal-Ħajja nqisu li huwa importanti li nirrevedu l-mekkaniżmu ta' eżenzjoni attwali stipulat fid-Direttiva, fir-rigward ta' tekniki ġodda tat-tniissil tal-pjanti (NPBTs)."
- (2) L-objettivi tal-proposta għal inizzjattiva taċ-ċittadini jirreferu għal dan li ġej: "Speċifikament qed nitolbu aktar ċarezza legali u aktar definizzjonijiet. L-objettiv tagħna huwa li niffaċilitaw il-proċedura ta' awtorizzazzjoni għal dawk il-prodotti miksuba permezz ta' NPBEs, li jkun fihom karatteristiċi naturali eżistenti biss. L-għan huwa li jitjieb il-progress xjentifiku fl-Unjoni Ewropea filwaqt li jiġu protetti s-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u l-ambjent."
- (3) It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) isaħħaħ iċ-ċittadinanza tal-Unjoni u jqawwi aktar il-funzjonament demokratiku tal-Unjoni billi jipprevedi, fost l-oħrajn, li kull ċittadin ikollu d-dritt li jipparteċipa fil-ħajja demokratika tal-Unjoni permezz ta' inizzjattiva taċ-ċittadini Ewropej.
- (4) Għal dan l-għan, jenħtieġ li l-proċeduri u l-kundizzjonijiet meħtieġa għal inizzjattiva taċ-ċittadini jkunu ċari, sempliċi, faċli biex jintużaw u proporzjonati man-natura tal-inizzjattiva taċ-ċittadini, sabiex tiġi mħeġġa l-parteeċipazzjoni taċ-ċittadini u biex l-Unjoni ssir iktar aċċessibbli.
- (5) Att legali tal-Unjoni għall-fini tal-implimentazzjoni tat-Trattati jista' jiġi adottat għall-approssimazzjoni tad-dispożizzjonijiet stabbiliti b'xi liġi, regolament jew azzjoni amministrattiva fi Stati Membri li jkollhom bħala objettiv l-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern, abbażi tal-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).
- (6) Għal dawn ir-raġunijiet, din il-proposta għal inizzjattiva taċ-ċittadini ma taqax manifestament barra mill-qafas tas-setgħat tal-Kummissjoni li tressaq proposta għal att legali tal-Unjoni għall-fini tal-implimentazzjoni tat-Trattati, f'konformità mal-Artikolu 4(2)(b) tar-Regolament.
- (7) Barra minn hekk, il-kumitat taċ-ċittadini ġie fformat u l-persuni ta' kuntatt inħatru skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament, u l-inizzjattiva taċ-ċittadini proposta la tidher li hija manifestament abbużiva, fiergħa jew vessatorja, u lanqas ma tidher li tmur manifestament kontra l-valuri tal-Unjoni, kif stipulati fl-Artikolu 2 tat-TUE.
- (8) Il-proposta għal inizzjattiva taċ-ċittadini bl-isem "Inkabbru l-progress xjentifiku: l-għelejjel huma importanti!" jenħtieġ għalhekk li tiġi rreġistrata.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-proposta għal inizzjattiva taċ-ċittadini bl-isem "Inkabbru l-progress xjentifiku: l-għelejjel huma importanti!" hija b'dan irreġistrata.

⁽¹⁾ ĠUL 65, 11.3.2011, p. 1.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-25 ta' Lulju 2019.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-organizzaturi (il-membri tal-kumitat taċ-ċittadini) tal-proposta għal inizjattiva taċ-ċittadini bl-isem "Inkabbri l-progress xjentifiku: l-għejjel huma importanti!", irrappreżentati mis-Sinjura Lavinia SCUDIERO u mis-Sinjura Martina HELMLINGER li jaġixxu bħala persuni ta' kuntatt.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Lulju 2019.

Għall-Kummissjoni
Frans TIMMERMANS
L-Ewwel Viċi President
